MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 44 – 4 Leġiżlatura**

**It-Tnejn 30 ta Ġunju 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-6.00 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |
| Sindku Zejtun | Is-Sinjura Joan Aguis |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsillier Ħal Għaxaq | Is-Sur Brian Xuereb |
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |
| Kunsillier Ħamrun | Dr Antoine Vassallo |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku ta' Ħal-Luqa John Schembri

Sindku ta' Zejtun Joan Agius

ASSENTI

Ħadt

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**44.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

**44.1.1** Il-Kunsill Reġjonali rċieva żewġ ittri ta' apoloġija mingħand Sindki

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

**44.2.1** Il-President ressaq il-Minuti ta' tnejn u erbgħin (42) u tlieta u erbgħin (43) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**44.2.2** Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsillier Charlo Mifsud il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**44.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**44.2.3.1** Il-President ta' rendikont ta' numru ta' applikanti li urew interess li fil-rwol ta' uffiċjali manigerjai tal-Kultura, Proġetti u Fondi lokali u Ewropej. Huwa tenna li kien 6 persuni li applikaw u sessjoni ta' intervisti ser issir f' 22 ta' Lulju 2025.

**44.3 Komunikazzjoni mill-president**

**44.3.1 Skema LESA – rimbors ta' spejjez ta' uffiċjali**

Il-President informa li għad ma hemmx informazzjoni dwar l-iskema ta' LESA relatata ma l l-ispejjez ta' l-uffiċjali li jiġu mqabbda mill NGOs. Il-President informa li kellna nagħtu 34,000 lura għaliex ma kienx hemm talba għal rimbors.

**44.3.2 Kommunikazzjoni bejn ir-Reġjun u l-Kunsilli Lokali**

Il-President tenna li kien ta' pjaċir li kien qed jara iktar Kunsilliera jinteressaw ruħhom u jattendu għal laqgħa ta' Reġjun bħala delegati meta ma jkunx jista' Sindku. Huwa importanti li wieħed iżomm ruħu aġġornat b'dak li jkun qed jagħmel ir-Reġjun.

**44.3.3 Tender tal-riabilitazzjoni tal-binja**

Il-President fakkar li Tender tal-binja Amministrattiv ġie awarded bħallisa qiegħed fil żmien ta' l-appelli. Kif jagħdi dan il-perjodu u ma jkunx hemm appelli jinbeda il-kuntatt mal-kuntrattur sabiex jiġi stabbilit ix-xogħol meħtieġ

**44.3.4 Riċivement ta' Sajf 25**

Il-President informa li kien qed jipproponi li jsir riċeviment bħala networking event fejn ser jiġu mistiedna Sindki, Segretarji Ezekuttivi u Kunsilliera li normalment jattendu bħala delegat tal-Kunsill

44.3.5 **Il-Proposta dwar tibdil fil-ħin tal-ġbir ta' l-iskart.**

Il-President irringrazzja li dawk il-Kunsilli li bagħatu il-fehma tagħhom dwar il-ħin tal-ġbir ta' l-iskart. Huwa ħeġġeġ li dawk il-Kunsilli li għadhom ma diskuttewx il-proposta sabiex jibgħatu mill-aktar fis.

Il-President informa li laqgħa mid-dipartiment ikkonċernat dwar il-proposta tal-ħinijiet ġiet posposta.

44.4 **Skeda ta' Pagamenti;**

44.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 06/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

44.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farrugia u sekondat Kunsillier Elke Cassar Sghendo , il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

44.5 **Rapporti**

44.5.1 **Rapport Reply to Management Letter Audit 2024**

Il-President stieden li Segretarju Eżekuttiv sabiex taqra ir-risposta tal-Management Letter li kienet ntbagħtet mill NAO. Ir-risposta iffokat fuq żewġ punti maġġuri li fil - fehma ta' l-awdituri taw lok għal *qualified opinion* f' termini ta' awditjar. Dawn il-punti kienu dwar il-ħlas tal-*waste rejects* sena 2023 u sistema ta' Loqus li għandha x'taqsam mal-kontravenzjonijiet ta' LESA. Il-Kunsill Reġjonali sostna li dawn iż-żewġ punti ma Reġjun ma kellux kontroll fuq tmexxija tagħhom. a) Loqus deċiżjoni kellha tiġi min entita oħra, b) *il waste rejects* ma kienx hemm deċiżjoni ċara min DLG ta' min ser jitħallas tagħhom peress li f' 2023 il-Kunsilli kienu qed jiġu invoiced għal l-iskart tal-borża sewda. Segretarju Ezekuttiv kompliet taqra il-punti oħra li rimarkaw fuqhom l-awdituri fejn ġie nuttatt diversi kummenti pożittivi li l-Amministrattiv kien ħa azzjoni fuqhom. President irringrazzja Segretarju Ezekuttiv.

**Il-Kunsill qabel sabiex ir-risposta tiġi mibgħuta lil NAO kif preżentata.**

44.6 **Item: Sejħa għall Uffiċjal Amministrattiv II**

Il-President informa li l-Uffiċjal Amministrattiv II Christine Mansueto kienet irriżenjat għalhekk qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinħareġ sejħa oħra.

**Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejjħa għal Uffiċjal Amministrattiv I**

44.7 **Item: Proġett Kwiżż Hena *Exciting Minds & Bodies* 2025-2026**

Il-President informa li wara suċċess li kellu il-proġett Kwiżż, diversi skejjel li ma ntlaħqux f'dan l-istaġun urew xewqa li jipparteċipaw f'staġun ieħor, għalhekk ntalbet proposta għas-sena 2025/2026. Din il-proposta qeda tifokka fuq parteċipazzjoni ta' tfal u

żagħżagħ ta' bejn 12 u 14 il-sena. Peress li bħallissa nfetħu l-applikazzjonijiet għal fondi fuq proġetti simili ma l-Arts Council din proposta ser tiġi sottometta bħala applikazzjoni. L-ispiża għal dan il-proġett hija ta' madwar 22,000 elf ewro incl Vat.

**Il-Kunsill qabel li jerġa jssir dan il-proġett anke jekk ma jintlaqax mill-Art Council.**

**44.8 Affarijiet Oħra**

**44.8.1** Il-President stieden il-membri presenti sabiex jiddiskuti temi u ħsibijet dwar diversi suġġetti. Suġġetti diskussa kienu il-possibilta li jsir il-festival ta' nhar u l-infurzar dwar rimi illegali ta' skart.

**44.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

**44.9.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal it-Tlieta 5 ta' Awissu 2025

Konfermati llum 5 ta' Awissu 2025____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv